MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 53/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' Estera ta' The Performing Right Society ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Joseph L. Attard**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Hlas fl-ammont ta' hamsa w'hamsin Lira w erba' u sittin centezmi **(Lm 55.64c)** kwantu ghal Lm 47.15c Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Lulju, 2003 sal-5 ta' Lulju, 2004, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011990 (Dok 'A') rilaxxjata mis-Socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja il-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istbbiliment "Yellow Rock Pub Restaurant", Marsalforn, Ghawdex, u Lm 8.49 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-Socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Settembru, 2003, kontra l-konvenut li huwa ingjunt sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma deherx ghas-seduti tas-26 t'Ottubru 2004 u dik tal-lum;

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jastjeni milli jilqa' t-talba dwar is-sorte stante li l-procediment f'dan ir-rigward jinstab ezawrit u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Settembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------